# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 752/01mm**

**Mob*isle* Communications Limited**

**vs**

**Fiona Baldacchino**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbghat elef, tmien mija u sitta u tmenin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm4886.79), liema somma tirrapprezenta bilanc

ta’ prezz dovut mill-konvenuta lil-Mob*isle* Communication Limited inkwantu ghal servizzi rezi lill-konvenuta mill-istess Mob*isle* Communication Limited bejn ix-xhur ta’ Dicembru, 2000, u Mejju, 2001, u dana in segwitu ta’, u skond Client Contract Number 10229 in relazzjoni man-numru telefoniku cellulari 79458889 tal-istess socjeta’, liema kuntratt huwa ffirmat mill-konvenuta stess.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta’ Mejju, 2001, dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru u tal-Mandat ta’ Qbid, it-tnejnipprezentati kontestwalment ma’ l-att, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-22 ta’ Ottubru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta.